MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2009

Numru 758/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca)**

**Vs**

**ANTHONY CASSAR**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Anthony Cassar, ta' 42 sena bin Spiro u Doris nee' Attard, imwieled Paola, nhar it-3 ta' Frar 1966, u residenti gewwa fond b'numru 29. 'Rax Flats', Flat No 4, Triq Santa Tereza, Tarxien, detentur tal-karta ta' l-Identita b'numru: 86966(M).

Billi gie akkuzat talli nhar id-29 ta' Lulju 2008, ghall-habta ta' xi 23:30Hrs, gewwa l-Hamrun:-

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqisx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe ta' PC 425 Michael Cilia La Corte, PC 1052 Brian Tonna, PC 1589 Tariq Shaikh u PS561 David Portelli filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti u dan bi ksur ta' Artikolu 96, tal-Kapitlu 9, tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' PC 425 Michael Cilia La Corte, PC 1052 Brian Tonna, PC 1589 Tariq Shaikh u PS561 David Portelli, li huma persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz bi ksur ta' Artikolu 95 tal-Kapitolu 95 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor u dan bi ksur tal-Artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser l-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u glied u dan bi ksur ta' l-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi irrifjuta jaghti, jew tagha falz, lill ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikolarijiet ohra u dan bi ksur ta Art 338(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba biex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' PC 425 Michael Cilia La Corte, PC 1052 Brian Tonna, PC 1589 Tariq Shaikh u PS561 David Portelli u dan skond Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok RM3 u nnutat li l-imputat Anthony Cassar m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li qieghed jiskuza ruhu dwar l-akkadut.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur, b'referenza ghall-ewwel (1) akkuza migjuba kontra l-imputat li tinkwadra ruhha fl-artikolu 96 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjara li l-attakk u r-resistenza li ghamel l-imputat kienu minimi hafna.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 96, 95, 338(m), 338(ee), 338(dd) u 338(g) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Anthony Cassar, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha mijuba kontra tieghu u tenut kont ic-

cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-Proceduri, li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li qieghed jiskuza ruhu dwar l-akkadut u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur, b'referenza ghall-ewwel (1) akkuza migjuba kontra l-imputat li tinkwadra ruhha fl-artikolu 96 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjara li l-attakk u r-resistenza li ghamel l-imputat kienu minimi hafna, tillibera lill-imputat Anthony Cassar taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-imputat Anthony Cassar ghall-piena ta' mitejn u tlieta u tletin Euro (Euro 233) multa.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Anthony Cassar b'obbligazzjoni personali ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erba' u disghin centezmi ta' Euro (Euro 232.94) li jzomm il-kwiet ma' PC 425 Michael Cilia La Corte, PC 1052 Brian Tonna, PC 1589 Tariq Shaikh u PS 561 David Portelli u li jzomm il-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Anthony Cassar l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------